MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1103/2009

**Anne Rita Pace**

**Vs**

**Angiolino sive Lino Pace**

*Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-12 ta' Novembru 2009 l-attrici ppremettiet :-*
*1. ILLI r-rikorrenti tghix l-Ingilterra u tigi Malta biss sabiex tara lil familja u t-tfal taghha;*
*2. ILLI r-rikorrenti hija sid tal-fond numru 152/153 li jinsab fi Triq Sant'Elena Sliema (Vide l-kuntratt ta' divizjoni tal-werrieta ta' missierha Anthony Caruana hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. RP1') ;*
*3. ILLI ghalkemm dan il-fond kien originarjmanet maghmul minn zewgt id-djar, fl-1994 r-rikorrenti u zewgha l-intimat waqqghu parti minn hajt divizorju sabiex nifdu z-zewgt idjar u dan il-fond sar abitazzjoni wahda;*

*4. ILLI rikorrenti ghexet fil-fond 152/153 Triq Sant'Elena Sliema, flimkien ma' zewgha l-intimat u z-zewgt itfal taghhom Anthony u Jonathan ahwa Pace, mis-sena 1982 sas-sena 2000;*
*5. ILLI fil-21 ta' Marzu 2000, r-rikorrenti u l-intimat isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' (vide kuntratt hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. RP2') u r-rikorrenti kienet harget mill-istess dar u tat il-kunsens taghha sabiex l-intimat zewgha jghix f'dan il-fond flimkien ma' uliedhom Anthony u Jonathan ahwa Pace;*
*6. ILLI klawsola numru 9 (iv)(c) tal-kuntratt ta' separazzjoni jistipola illi l-intimat zewgha obbliga ruhu 'li r-ragel jibqa jiehu hsieb il-manutenzjoni kollha mehtiega ta' l-istess dar bhala bona pater familias'.*
*7. ILLI l-intimat hareg mill-fond in kwistjoni f'Ottubru tal-2008 wara diversi interpellanzi da parti mir-rikorrenti sabiex jivvaka minn dan il-fond;*
*8. ILLI wara li l-intimat hareg mid-dar, r-rikorrenti indunat li l-intimat kien litteralment kisser u ghamel diversi vendikazzjonijiet fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri u dank if ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*
*1. TIDDIKJARA li l-hsarat kollha li gew kagunati fil-fond 152/153, Triq Sant' Elena, Sliema gew kagunati unikament mill-intimat;*
*2. TILLIKWIDA d-danni sofferti mir-rikorrenti a kawza ta' dawn il-hsarat, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*
3. *TIKKUNDANNA lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jhallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata*.

**Risposta guramentata tal-konvenut Angolino Pace, prezentata fl-20 ta' April 2010.**

*1. Illi preliminarjament jigi rrilevat illi l-proprjeta immobbli bin-numru 152 u bin-numru 153 fi Triq Sant' Elena, Sliema indikata mill-attrici fir-rikors promotur sa minn dejjem kienu zewg fondi b'entratura separata u ghalkemm huwa possibli li taccedi ghall-wiehed mill-iehor, sabiex wiehed jaghmel dan jehtieg li jghaddi minn entratura billi jaqbez zewg filati gebel li ilhom jezistu sa*

*minn meta l-istess attrici kienet ghadha tirrisjedi fil-proprjeta immobbli fuq imsemmija;*

*2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kemm matul iz-zwieg tal-kontendenti u kif ukoll fiz-zmien illi huma ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni taghhom il-fond bin-numru 152 kien fi stat mhux komplut fosthom kien hemm kamra tal-banju mhux kompluta, bitha mhux kompluta u anke kien hemm aperturi fi stat hazin, filwaqt li l-fond 153 kien inabitabbli u fi stat hazin hafna ta' manutenzjoni u riparazzjoni u kien kolpit minn hsarat ta' natura urgenti, vide Dok. AP1, Dok. AP2, Dok. AP3 u Dok. AP4;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante l-kontendenti matul iz-zwieg taghhom minn dejjem ghexu unikament fil-fond 152 u dan peress illi l-fond 153 kien inabitabbli u fi stat hazin ta' manutenzjoni u riparazzjoni u anke wara li l-istess kontendenti sseparaw l-konvenut flimkien ma' uliedhom minuri baqghu jghixu unikament fil-fond 152;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenut qatt ma ikkaguna hsarat u/jew ghamel vendikazzjonijiet fil-fondi indikati;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.*

**Konsiderazzjonijiet**.

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob hlas ta' danni li tallega li zewgha kkaguna fil-fond 152/153, Triq Sant'Elena, Sliema minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni fil-21 ta' Marzu 2000 fejn jinghad :-

*'(iv) Il-mara qeghda taghti l-kunsens taghha sabiex ir-ragel ikun jista' jibqa' jghix gewwa l-fond mija u tnejn u hamsin zbarra mija tlieta u hamsin, Triq Sant'Elena, Sliema, li huma proprjeta parafernali tal-mara versu s-segwenti pattijiet u kondizzjonijiet :*

*(a) Li l-okkupazzjoni relattiva tar-ragel tkun b'mera tolleranza u buona volonta tal-mara, u ghalhekk minghajr ebda titolu validu fil-ligi.*
*(b) Li fl-istess fond ma jirrisjedi hadd, hlief ir-ragel u l-imsemmija ulied minuri.*
*(c)* ***Li r-ragel jibqa' jiehu hsieb il-manutenzjoni kollha mehtiega ta' l-istess dar bhala bona pater familias****.*
*(d) Li l-kontijiet kollha tad-dawl, ilma, telephone u servizzi ohra li jservu l-istess dar ikunu a kariku tar-ragel.*
*(e) Li l-mara tibqa' zzomm l-effetti mobbli taghha gewwa l-istess dar, u tkun intitolata li tidhol fl-istess sabiex tigbor hwejjigha minghajr ebda indhil u xkiel mir-ragel.*
(f) *Li l-mara jkollha d-dritt li terga' tmur tirrisjedi fl-imsemmija dar minghajr ebda xkiel jew ostakoli tar-ragel.'*.

Fil-fond matrimonjali, li m'hemmx kontestazzjoni li hu proprjeta tal-attrici, baqa' jghix ir-ragel sakemm f'Ottubru 2008 hareg minnu.
B'digriet li nghata fit-18 ta' Jannar 2011 il-qorti nkarigat lill-perit Godwin Abela sabiex jaghmel access fil-fond numru 152 u 153 u *'jirrelata dwar jekk mis-sena 2000 meta telqet mill-fond l-attrici saritx manutenzjoni tajba fil-fond u jekk le jghid x-xogholijiet huma mehtiega u kemm jigu jiswew sabiex il-fond jingieb fi stat li kien ikun li kieku saret manutenzjoni kif kellha ssir.'*.
Ghal dak li jikkoncerna t-talba fir-rigward tal-fond 153, Triq Sant'Elena, Sliema l-qorti tosserva li :-
i. Effettivament il-konvenut qatt ma ghex f'dan il-fond. Jirrizulta li kien mikri ghand in-nies u f'Awissu 1993 kien diga' jinsab f'kundizzjoni hazina. F'dan ir-rigward issir riferenza ghar-rapport li kien ghamel il-perit Michael Refalo, datat 23 ta' Awissu 1992 (fol. 75) fejn jinghad:-

*'**Il-fond huwa fi stat ferm hazin** ta' tiswija u manutenzjoni; in linja generali l-fond kollu jinhtieg barxa sew mal-hitan u soqfa, tikhil tal-fili, u passata wahda tibjid bil-gir u zewg passati plastic emulsion.'*.

Fl-istess rapport jinghad li s-sistema tal-elettriku hi mimlija hsarat, m'hemmx sistema ta' ilma, il-madum tal-art hu

mibrux u hemm postijiet fejn hu mtebba, kif inhuma t-tiles tal-kamra tal-banju.

Waqt is-seduta tal-10 ta' Gunju 2011 gie ddikjarat :-

*'1. Hemm qbil li qabel giet ipprezentata l-kawza, il-konvenut kien hareg mill-fond.*
*2. Hemm qbil li l-konvenut kien ighix biss fil-fond numru 152.*
*3. Hemm qbil li l-fond 153 kien mikri lill-terzi wara sentenza li biha l-inkwilin gie zgumbrat mill-fond. Dan kien qabel is-separazzjoni.*
*4. Hemm qbil li meta saret is-separazzjoni, iz-zewg partijiet kellhom cavetta tal-fond 152, Rosie, Triq Sant'Elena, Sliema u wkoll tal-fond l-iehor.*
*5. L-Avukat Kris Busietta kkonferma li sal-lum fil-fond jew ahjar fid-djar ghadha ma saret l-ebda tiswija.'*.
M'hemmx prova li l-konjugi Pace ghamlu xi xogholijiet ta' tiswija f'dan il-fond. Fil-fehema tal-qorti il-konvenut m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-fond li fir-realta' qatt ma ghamel uzu minnu.
ii. Sahansitra fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2011 id-difensur ta' l-attrici:

***'….talab li l-perit ghandu jaqdi l-inkarigu tieghu limitatament fir-rigward tal-fond 152, Lucy, Triq Sant'Elena, Sliema.'***.

Gialadarba saret din id-dikjarazzjoni il-perit tekniku rrelata biss dwar il-fond numru 152, wara li l-qorti laqghet it-talba tad-difensur tal-attrici (fol. 210). Ghall-qorti d-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tal-attrici tista' tfisser biss li f'dak l-istadju kienet qeghda tillimita l-pretensjoni taghha ghall-fond 152, Triq Sant'Elena, Sliema. M'ghandux ikun li wara li nghalaq il-gbir tal-provi l-attrici terga' ssemmi l-fond numru 153, kif ghamlet fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fid-29 ta' Mejju 2012.
F'rapport prezentat fit-18 ta' Awissu 2011 il-perti tekniku, nominat b'digriet tat-18 ta' Jannar 2011, irrelata hekk dwar il-fond numru 152, Triq Sant'Elena, Sliema :

- Il-meter tad-dawl inqala' minn gewwa l-fond.

- Il-fond qieghed fi stat ta' abbandun u bhalissa m'huwiex abitabbli ; *'Il-fond mahmug bil-hitan migrufin u bil-kitba fuqhom. L-art imtebba f'diversi postijiet u uhud mill-madum miksur. Ma hemmx ghamara imkien l-anqas fil-kcina u fil-kamra tal-banju. Il-fittings tad-dawl bhal outlets u switches maqlughin bil-wires mikxufin. Il-fond ma jidhir li ghandu hsarat strutturali.'*.
- Elenka x-xogholijiet li fil-fehma tieghu hemm bzonn li jsiru biex il-fond jerga' jsir abitabbli (ghal dak li jikkoncerna stima tal-ispejjez issir riferenza ghan-nota li l-perit ipprezenta fil-5 ta' Marzu 2012):-

*(a) Stallazzjoni tas-servizz tad-dawl flimkien ma' spezzjoni tas-sistema ezistenti w twahhil tal-power points (socket outlets) u switches - €1,000.*
*(b) Tindif u tibdil ta' whud mill-madum tal-art li jinkludi grouting u polishing tal-istess madum u dan fil-fond kollu - €1,500.*
*(c) Spezzjoni tas-sistema tal-ilma - €250.*
*(d) Qlugh taz-zebgha, tberfil tal-hitan u soqfa kollha, tikhil u zegbha mill-gdid - €2,250.*
*(e) Qlugh tal-madum tal-hajt tal-kcina w twahhil ta' madum gdid - €750.*
*(f) Tiswijiet generali fil-bitha nterna inkluz il-mili ta' fili miftuhin u tindif - €500.*
*(g) Tiswijiet tal-aperturi esterni nkluz zebgha mill-gdid - €1,000.*
*(h) Tiswijiet fuq il-bibien interni - €750.*
*(i) Tiswijiet u zebgha tal-bieb principali - €500.*
*(j) Qlugh tal-madum tal-hajt li fadal fil-kamra tal-banju w twahhil ta' madum gdid - €1,500.*
(k) *Spezzjoni u tiswijiet tal-katusi tad-drains u drenagg - €250*.

**B'kollox €10,000**.

Il-pretensjoni ta' l-attrici ghad-danni hi bbazata fuq l-allegazzjoni li zewgha:-

- M'ghamilx manutenzjoni;
- Kisser u ghamel diversi vendikazzjonijiet fil-fond in kwistjoni;

Fil-kuntratt ta’ separazzjoni ma jinghad xejn dwar il-kundizzjoni tal-fond. Fil-kuntratt jinghad li l-konvenut kellu jibqa’ jiehu hsieb il-manutenzjoni kollha mehtiega ta’ l-istess dar bhala *bonus pater familias*.

Wara li l-qorti rat l-atti taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

i. M’ghandha l-ebda dubju li mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni sakemm il-konvenut telaq mid-dar, qatt ma ghamel manutenzjoni.

ii. Meqjus dan il-fatt, il-qorti ma taccettax it-tezi tal-konvenut li rritorna lura l-fond fl-istat li kien meta gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni (ara nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut).

iii. Fil-fond kienet tghix il-familja Pace. Eric Montfort, ufficjal tal-Enemalta, ikkonferma li fil-fond numru 152 kien hemm meter tad-dawl u nqala’. Minn dak li qal ix-xhud il-qorti m’ghandix dubju li l-meter tnehha fuq talba tal-konvenut. Fil-fehma tal-qorti l-konvenut ma kellux jedd inehhi l-meter tad-dawl, irrispettivament jekk is-servizz kienx registrat f’ismu. Qieghed jinghad hekk ghaliex il-qorti tifhem li dakinhar li martu tat il-kunsens taghha biex ikompli jghix fil-fond, kien hemm diga’ meter tad-dawl. Sahansitra fil-kuntratt ta’ separazzjoni jinghad ukoll li *‘Li l-kontijiet kollha tad-dawl, ilma, telephone u servizzi ohra li jservu l-istess dar ikunu a kariku tar-ragel.’* (fol. 18).

iv. Ghalkemm martu kienet qeghda tghix l-Ingilterra, kellu mezz li jikkomunika mad-difensur taghha biex isir it-transfer (ara deposizzjoni tal-konvenut waqt is-seduta tat-18 ta’ Jannar 2011, fol. 181). Hu stess ikkonferma li kien hemm komunikazzjoni bejn id-difensuri tal-partijiet. L-ispjegazzjoni li ta ghalfejn ma giex involut id-difensur ta’ martu meta sar it-transfer, m’hijiex sodisfacenti ; *‘Mistoqsi mill-Qorti jekk jien stajtx ngharraf lil Avukat tieghi u jikkomunika ma’ l-Avukat ta’ marti sabiex isir it-transfer bil-kwiet nghid iva stajt imma **dak iz-zmien ma gietniex f’mohhi.’***.

v. L-attrici nkarigat lill-perit Joseph Mangion biex jaghmel rapport dwar il-hsara fil-fond. Ir-rapport jinsab a fol. 30 tal-process u jirrizulta li l-perit ghamel access fit-8 ta’ Ottubru 2008. Il-perit Mangion ta stima ta’ **€6,430** ghax-xogholijiet li fil-fehma tieghu jridu jsiru fil-fond 152. Mill-kalkoli li ghamel il-perit jirrizulta li din ic-cifra ma

tinkludix 10% contingency fee u Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, li zied fl-ahhar parti tar-rapport tieghu.

vi. Ma tressqet l-ebda prova li l-applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp tkopri wkoll il-fond numru 152. Fil-fatt fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011 id-difensur tal-konvenut iddikjara li l-applikazzjoni pendenti kienet tirrigwarda l-fond numru 153. Lanqas m'hemm prova li effettivament inghata permess ta' zvilupp. Qed issir riferenza ghal dan 'il fatt peress li l-konvenut jidher li nqieghed isostni li l-attrici m'ghadx ghandha interess tkompli bil-kawza.

F'kawza ta' din ix-xorta l-opinjoni ta' perit hi essenzjali.

Il-konvenut kellu obbligu kuntrattwali li jibqa' jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-fond. Fil-fehma tal-qorti hu legittimu li wiehed jippresumi li l-fond 152 inghata lill-konvenut f'kundizzjoni tajba gialadarba fil-kuntratt ta' separazzjoni ma saret l-ebda rizerva dwar il-kundizzjoni tal-fond u l-partijiet illimitaw ruhhom biex ighidu li *'…. R-ragel jibqa' jiehu hsieb il-manutenzjoni kollha mehtiega ta' l-istess dar bhala bona pater familias.'* (fo. 18). Lanqas m'hemmx provi sodisfacenti li jistghu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilita' l-fond ma kienx f'kundizzjoni tajba fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni. Dan apparti li l-provi li ressqet l-attrici jikkoraboraw il-verzjoni li tat.

Mir-rikors guramentat jirrizulta li l-ilment ta' l-attrici hu bazat fuq 'il fatt li:-

i. Il-konvenut ma ghamilx manutenzjoni;

ii. Kisser u ghamel vendikazzjoni fil-fond;

Hu a bazi ta' dawn il-kawzali li l-qorti trid tqies it-talba tal-attrici ghall-hlas tad-danni.

Gialadarba hu evidenti li matul is-snin li l-konvenut dam jokkupa l-fond ma ghamilx manutenzjoni, ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li n-nuqqas tieghu ta lok ghalihom (Artikolu 1125 tal-Kodici Civili). Ovvjament ukoll fejn jirrizulta li saret hsara volontarja jrid iwiegeb ghaliha l-konvenut.

Wara li l-qorti kkunsidrat dak li rrelata l-perit tekniku tikkonkludi li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal:-

i. €750………..spejjez relatati ma' item (a). Mis-somma ta' €1,000 li llikwida l-perit tekniku, il-qorti qeghda tnaqqas is-somma ta' €250 ghall-spezzjoni tas-sistema

tad-dawl li fil-fehma taghha m'ghandux ikun responsabbli ghaliha l-konvenut.

ii. €500……… tindif ta' madum tal-fond numru 15 (*item b*).

iii. €2,250……. tibjid tal-fond (*item d*).

iv. €500..........xoghol fil-bitha (*item e*). Fir-rapport tal-perit Mangion hemm ritratti tal-istat dizastruz li fih thalliet il-bitha.

v. €1,000.......tiswija ta' aperturi ta' barra (*item g*). Ghalkemm il-konvenut allega li qatt ma saret manutenzjoni fiz-zmien li l-kontendenti kienu jikkoabitaw, il-perit tekniku kkonferma li n-nuqqas ta' manutenzjoni ghall-erbgha snin jwassal biex *'igarrbu hsara u deterjorazzjoni.'* (fol. 228).

vi. €500………..tiswija u zebgha tal-bieb principali (*item i*).

Il-qorti qeghda tillikwida wkoll is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) ghat-tindif tal-fond numru 152. Ghalkemm l-attrici pprezentat ricevuta fiskali fis-somma ta' €1,534 datata 25 ta' Ottubru 2008, din tirreferi ukoll ghall-tindif tal-fond numru 153.

Hemm certu affarijiet li jissemmew fir-rapport tal-perit tekniku li fil-fehma tal-qorti m'ghandux jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut. Dawn huma :-

i. Qlugh ta' madum tal-hajt tal-kcina u twahhil ta' madum gdid, li fil-fehma tal-qorti m'hijiex kwistjoni ta' manutenzjoni. Il-perit tekniku spjega li l-madum tal-kcina hemm partijiet minnu li *'hu mkisser, uhud imtajjar u whud mixquq.'*. M'hemmx prova li l-konvenut ghamel din il-hsara. Dan apparti l-fatt li din il-hsara ma tissemmix fir-rapport tal-perit Joseph Mangion.

ii. Qlugh ta' madum tal-hajt li fadal fil-kamra tal-banju u twahhil ta' madum gdid, in kwantu l-qorti temmen il-verzjoni tal-konvenut li ma nehhiex il-madum mill-hajt izda li fir-realta' qatt ma kien twahhal. L-attrici stess xehedet li fejn fil-kamra tal-banju jidher hajt imbaqqan, ma kienx hemm madum imwahhal. Dan apparti li l-kamra tal-banju jidher li ghadha l-istess wahda li saret fil-fond fl-1982, meta l-konjugi Pace dahlu jghixu fil-fond. Wara tletin sena hu mistenni li jkun hemm bzonn li tinbidel.

iii. Tiswija ta' bibien meqjus li dawn ma jissemmewx fir-rapport tal-perit Mangion, inkarigat mill-attrici biex jirrelata

dwar il-hsara li nstabet fil-fond meta l-konvenut ma baqax ighix fih. Dan il-perit spezzjona l-fond fit-8 ta' Ottubru 2008 (ara rapport), cjoe' ezatt wara li l-konvenut ivvaka mill-fond. Lanqas m'hemm prova li l-hsara hi rizultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni jew minhabba hsara volontarja li ghamel il-konvenut.

iv. Il-qorti rrevediet certu ammonti li llikwida l-perit tekniku meqjus li hi tal-fehma li certu hsara m'hijiex rizultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni jew m'hijiex konvinta li hi hsara volontarja li ghamel il-konvenut. Ittiehed ukoll in konsiderazzjoni c-cirkostanza tad-deterjorament ta' l-oggett bl-uzu. Hekk per ezempju xi madum ta' l-art li hu miksur jew li ghandu jsir grouting ta' l-art kollha fil-fond (ara rapport tal-perit tekniku). F'dan il-kuntest il-qorti tirrileva li l-perit tekniku stess fir-rapport li pprezenta elenka x-xoghol li fil-fehma tieghu jrid isir ***'…biex dan il-fond jingab fi stat abitabbli'***, minghajr ma esprima opinjoni dwar jekk ix-xoghol huwiex mehtieg minhabba nuqqas ta' manutenzjoni jew hsara volontarja.

Fl-ahharnett il-qorti tirreferi ghan-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici fejn jinghad li l-konvenut naqas milli josserva paragrafu (e) ta' klawzola 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni li tghid:- *'Li l-mara tibqa' zzomm l-effetti mobbli taghha gewwa l-istess dar, u tkun intitolata li tidhol fl-istess sabiex tigbor hwejjigha minghajr ebda indhil u xkiel mir-ragel.'*. Fil-fehma tal-qorti l-ilmenti kif proposti mill-attrici fir-rikors guramentat huma limitati ghal nuqqas ta' manutenzjoni u hsara volontarja li kkaguna fil-fond. F'kull kaz:-

i. M'hemmx provi sodisfacenti dwar il-mobbli, fosthom x'kienu, meta nxtraw u x'kien il-valur taghhom.

ii. M'hemmx provi li l-mobbli li kien hemm fid-dar kienu proprjeta' assoluta ta' l-attrici.

iii. L-attrici ma ghamlet l-ebda talba biex il-konvenut jirritorna l-mobbli li qeghda tippretendi li huma proprjeta taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici limitatament fir-rigward tal-fond numru 152, Triq Sant'Elena, Sliema u tichad l-istess in kwantu jirreferu ghall-fond numru 153, Triq Sant'Elena, Sliema u:-**

**1. Tillikwida d-danni fis-somma ta' hamest elef u disgha mitt ewro (€5,900).**

**2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ hamest elef u disgha mitt ewro (€5,900).**

**Mehud in konsiderazzjoni li mhux l-ilmenti kollha ta’ l-attrici gew milqugha, l-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti a karigu tal-konvenut u kwart a karigu tal-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------